Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 19/2018

Il-Pulizija

Vs

John Bonett

Illum 17 ta' Jannar, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Bonett detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 330763M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fid-29 ta' Dicembru 2015 u fix-xhur ta' wara din id-data bil-vettura A1371 u JAR557 gewwa l-Gzejjer Maltin:

1. Xjentement ghamel uzu minn dokument, dikjarazzjoni, jew certifikat falz meta ma kienx ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz ta' awtorità (Kap 9 Artiklu 186);

2. Sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni, jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz (Kap 9 Artiklu 188 (1));

3. Bhala persuna halef falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, meta l-gurament kien

mehtieg mil-ligi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-Qrati ta' Malta (Kap 9 Artiklu 108(1)(a)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Jannar, 2018, fejn il-Qorti illiberatu mill-akkuza numru tnejn (2) u sabitu hati tal-akkuzi numri wiehed (1), tlieta (3) u immultatu multa komplessiva ta' €200.00.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Bonett, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Jannar 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka ghal kollox inkwantu fejn sabitu hati dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjoni filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant John Bonett huma s-segwenti u cioe`:-

<u>L-ewwel aggravju:</u>

1. Illi l-esponent kien minn rajh iddikjara li kien ha zball f'affidavit li huwa stess irrilaxxa u talab huwa nnifsu li jikkoregi l-izball li huwa kien ha.

2. Il-ligi penali taghna tirrikjedi li l-prosekuzzjoni tipprova mhux biss '*actus reus*' imma wkoll il-'*mens rea*', ossia r-rieda, il-volontà shiha u l-gharfien tal-akkuzat fil-kummissjoni tar-reat. Jekk dawn l-elementi kumulattivi ma jirrizultawx, allura r-reat ma jissussistix.

3. Illi huwa ghal kollox inaccettabbli l-argument sottomess mill-prosekuzzjoni li l-izball ma hux skuza, u ghalhekk l-esponent ghandu jbati l-konsegwenzi.

4. Illi bir-rispett kollu dovut lejn l-Ewwel Qorti, hija naqset li tiehu in konsiderazzjoni l-principju legali baziku li fejn jirrizulta zball, ikun hemm nieqes l-element fundamentali rikjest mid-duttrina legali ghal ezistenza tar-reat, tal-volontà u rieda ghall-kummissjoni tar-reat.

5. Fil-kaz odjern ma jirrizulta bl-ebda mod li l-appellant <u>xjentement</u> ghamel uzu mill-affidavit meta dan kien jaf li dak li huwa kien iddikjara kien falz. Anqas jirrizulta li meta huwa halef id-dikjarazzjoni tieghu, kien jaf li parti mid-dikjarazzjoni ma kinitx tirrifletti l-verità. Kuntrarjament jirrizulta li l-imputat wara li f'qasir zmien kien irrealizza li kellu zball inkwantu fuq zewg vetturi minn hamsa indikati minnu fl-affidavit, kien huwa stess li volontarjament irritorna Transport Malta fejn iddikjara l-izball genwin u talab il-korrezzjoni relattiva.

<u>It-tieni aggravju:</u>

1. Illi in oltre l-**Artikolu 108 (1)(a) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jirrikjedi illi biex jissussisti r-reat kontemplat taht l-istess imsemmi artikolu, id-dikjarazzjoni falza titqies li hija falza ghall-fini tal-imsemmi artikolu meta l-gurament kien mehtieg mill-ligi jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-Qrati ta' Malta.

2. Illi bir-rispett kollu u bla pregudizzju ghall-premess, fil-kaz odjern ma jirrizultax li d-dikjarazzjoni maghmula mill-imputat kienet b'xi mod rikjesta taht wahda jew aktar mic-cirkostanzi msemmija.

3. Illi ghalhekk l-elementi tar-reat kontemplati taht l-**artikolu 108(1)(a) tal-Kapitolu 9** ma jirrizultawx ippruvati.

4. Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz d-dokumentazzjoni kollha esebita.

Rat -affiavit ta' l-Ispettur Sergio Pisani mahluf fis-7 ta' Awwissu 2016 fejn stqarr li nhar it-22 ta' Lulju 2016 gie mghoddi ittra markata bhala DOk SP 1(fol. 12) liema ittra kienet gie mibghuta mis-Sur Brian Farrugia bhala Senior Manager tal-Vehicle Licensing Unit tat-Transport Malta fejn talab lill-pulizija tinvestiga allegat gurament falz mehud prmezz ta' affidaivt markat bhala DOk SP 2 rilaxxjat minn John Bonnett.

Nhar is-6 ta' Awwissu, 2016 Bonnett gie mistieden jaghti l-vesjoni tieghu u wara li rrinunzja ghad-dritt ta' l-Avukat sabiex jassistih liema dokument hu markat bhala

DOK SP) hu ha l-istqarrija tieghu li tinsab esebita fl-atti u markata bhala DOK SP 4. Fl-istqarrija Bonnett jikkonferma li kien hu li ffirma d-dikjarazjonijiet imma allegatament irrejalizza li ghamel zball.

**Brian Farrugia, rappresentant legali ta' transport Malta** xehed quddiem l-ewwel Qorti pero' x-xhieda tieghu ma gietx registrata u ghalhekk rega' xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2018

Ix-xhud beda x-xhieda tieghu billi ghamel referenza ghall-affidavit li hemm esebit fl-atti a fol 38 markat bhala dok A mahluf fit-28 ta' Dicembru, 2015 fejn kkonfrma li kien sid ta' diversi vetturi fosthom dawk bin-numru ta' registrazzjoi B0716W, D8840W, A1371, JAR 557, KAG 443 u kkonferma li dawn l-vetturi iddispona minnhom ghall-hadid hafna zmien qabel u m'ghandux l-log books taghhom ghax kien tilifihom. Stqarr ukoll taht gurament li m'ghandu l-ebda idea meta kien iddispona minnhom izda zgur li aktar minn ghaxar snin ilu.

In segwitu jghid li kien ircieva affidavit iehor esebit fl-atti u markat bhala DOK C a fol. 36, minghand John Bonnett mahluf fil-15 ta' Jannar, 2018 fejn iddikjara li huwa sid ta' vetturi tal-marka Land Rovers wahda minnhom bin-numru ta' registrazzjoni A 1371 u ohra JAR 557 u kkonferma li dawk kien ghadhom ghandu u kien bi zball li kien iddikjara bil-gurament tieghu fl-affidavit antecidenti tieghu li kien iddispona minnhom.

L-Awtorita'' in sesgiwtu hasset li kellha tinforma lil Kummissarju tal Pulizija dwar dan u ghalhekknhar it-30 ta' Gunju 2016 (vide dok a fol. 26) hija baghtet ittra li kopja taghha tinsab esebita fl-atti a fol. 34 fejn infurmah b'dak li kien irrizulta lilu u cioe li kient rinfaccjata b'zewg affidavits li kienu dikajrazzjonijiet opposti ghal xulxin u ghalhekk talbet l-intervent tieghu.

Mistoqsi jekk il-Kummissarju tal-Pulizija baghtlux xi risposta dwar l-investigazzjoni li zamm jghid li le u lanqas pero' ma irceiva go-ahead fis-sens li l-Awtorita'' ghandha tmexxi skont it-tieni affiadivt. Pero' fehem li una volta l-pulizija bdiet bil-

proceduri quddiem il-Qorti u cioe' dawn presenti hass li l-Awtorita'' kellha tistenna l-ezitu ta' dawn l-istess proceduri qabel ma jiehdu xi decizjoni ohra.

Huwa gharaf id-dokument esebit fl-atti a fol. 20 u stqarr li dik hija pagna mis-sistema komputerizzata tal-awtorita' dwar il-vettura numru ta' registrazzjoni JAR 557 li hija registrata f'isem John Bonnett u kient ilha hekk registrata sa mill-11 ta' Dicembru 1986.

Huwa gharaf ukoll id-dokument esebit fl-atti a fol 29 li tirrigwarda il-formola li tirrigwarda t-talba sabiex il-vettura ta' John Bonnett numru ta' registrazzjoni JAR 557 tigi scrapped. Din tidher datata 29 ta' Dicembru 2015 u cioe' bid-data ta' l-ghada tal-ewwel affidavit li hejja John Bonnett.

A fol. 31 huwa gharaf l-ittra li kien baghat lil John Bonnett nhar is-16 ta' Mejju 2016 fejn gharraf lil Bonnett li una volta iz-zewg vetturi indikati fl-affidvit tieghu tat-28 ta' Dicembru 2015 kienu gew ikajrati 'scrapped' u l-process kien gie finalizzat, l-uniku mod kif il-vetturi jistghu jergghu jinstaqu fit-triq hija billi ssir applikazzjoni mill-gdid ghar-registrazzjoni taghhom. Dan fil-fehma tieghu kien ifisser li kellha tigi applikata l-procedura tar-registrazzjoni u ghandu jsir il-hlas dovut f'taxxa ta' registrazzjoni (jekk din tkun applikabbli) kif ukoll li jsir kull hlas iehor amminsitrattiv.

Mistoqsi jekk qattx tkellem ma Bonnett jghid li le mieghu ma tkellimx pero' tkellem ma xi hadd li jismu Pilatus. Mistoqsi jekk indagax ic-cirkostanzi ghaliex Bonnett wasal biex ipprezenta zewg affidavits kontradittorji ghal xulxin jghid li dak mhux xoghlu.

Spjega li l-ghan ghalfejn Bonnett ipprezenta l-affidavit originali kienet sabiex jitlob lil awtorita' tisskrapja vetturi tieghu li kienu bla log book u kienu ilhom zmien ghandu u b'hekk jirregolarizza l-posizzjoni tieghu u jitnehhew karozzi li mhumiex fit-triq mis-sitema u dan skond is-SL 65.24. B'hekk l-Awtorita' ma titlobx li jigi prezentat xi certifikat dwar meta in effetti kieneu gew skrappjati jew li jinghata lilha l-log book tal-vettura. Ikkonferma ghalhekk li Bonnett ittenta jghamel uzu minn din l-iskema.

Mistoqsi jekk jafx li Bonnett ghanu hafna vetturi jghid li jaf u jaf ukoll li hafna minnhom huma iggaraxxjati. Mistoqsi jekk kienx jaf fuq enforcement li kellu fuq ghalqa minn tieghu jghid li ma keinx jaf u ma irrizultalux.

Ikkonkluda billi stqarr li bhala ufficcjal legali responsabbli ghall-Awtorita' hu kien ha parir legali x'kellu jghamel u kien ghalhekk li rraporta l-kaz lill-pulizija. Hu fl-ebda hin ma nvestiga l-kaz.

**John Bonnett** l-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti nhar is-16 ta' Jannar 2018 pero' x-xhieda tieghu ma gietx registrata. Ghalhekk rega' xehed quddiem din l-Qorti nhar il-11 ta' Novembru 2018. Spjega illi huwa dilettant tal-karozzi antiki u ghandu hafna kemm f'garage kif ukoll f'ghalqa. Stqarr li l-Planning Authority qabdu mieghu u hargulu enforcement u kellu jizgombra l-ghalqa tieghu u ghalhekk mar l-Awtorita' tat-Trasport sabiex jiddikjara uhud mill-karozzi tieghu bhala scrapped ghaliex kien ser bieghhom ghal scrap xi zmien ilu u ma kellux informazzjoni adegwata dwarhom. Meta mar l-ewwel darba ghand L-Awtorita' sabiex jidnaga fuq din l-iskema qalulu biex jipprovdilhom affidavit fejn jindika l-vetturi li xtaq li jigu scrapped u hekk ghamel, ipprezzentalhom l-affidavit li hemm esebit fl-atti a fol. 38 fejn indikalhom il-vetturi relattivi. Izda jghid li meta mar lura fil-garage induna li kien iddikjara zewg vetturi bi zball u ghalhekk rega' mar l-Awtorita' biex jitlobhom sabiex jirranga l-affidavit li kien ipprezenta izda l-ufficcjal tal-Awtorita' qallu li kellu jerga' jghamel affidavit iehor biex jikkoregi l-izball tieghu u hekk ghamel. Kien ghalhekk li pprzenta t-tieni affidavit li jinsab esebit a fol. 36.

Qal li huwa ghnadu hafna vetturi biss biss fil-garage ghandu bejn 30 u 40 u qedin hemm biex idurhom ghaliex hu u uliedu huma akkaniti hafna. In kontro ezami jghid li l-land rovers ilhom ghandu snin aktar minn ghaxar snin. Stqarr li izommhom fil-garage u juza parti minnu regolarment.

Mistoqsi ghaliex ghamel it-tieni affidavit jghid li l-iskop tieghu kien sabiex ma jergax jehel it-taxxa ta' registrazzjoni fuq dawk iz-zewg vetturi li kien idnika bi zball u una volta ikunu registrati tajjeb mal-Awtorita' ikun jista' jerga johroghom fit-triq. Qal li huwa jahdem mal-Gvern u dan hu biss id-delizzju tieghu u tat-tifel.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz. Id-difiza qed issostni li dan kien zball genwin u l-appellant ghamel dak li ghamel u cioe' li pprezenta zewg affidavits fuq dak li talbu l-ufficcjal tal-Awtorita'. Il-prosekuzjoni minn naha l-ohra qed issostni li l-appellant ha gurament falz u issa jihtieg jirreverti l-posizzjoni tieghu biex b'hekk jevita li ihallas it-taxxa ta' registration mill-gdid fuq dawn iz-zewg vetturi. Il-Prosekuzzjoni ma temminx li dan kien zball genwin u dan ghaliex temmen li l-appellant kien jaf illi ma riedx jiskrapja z-zewg vetturi indikati fl-ewwel u t-tieni affidavit.

Il-Qorti ezaminat ukoll l-istqarrija li kien irrilaxja l-appellant quddiem il-Pulizija nhar is-6 ta' Awwissu, 2016[1] fejn ikkonferma li huwa jahdem mal-Gvern u mgharuf bhala Bonnett. Mistoqsi kif giet ghandu l-vettura numru ta' registrazzjoni A 1371 jghid li kien xtraha zmien ilu, ighid li jahseb li kien xtraha xi mitt lira Maltin (Lm100). Mistoqsi kif giet ghandu l-vettura JAR 557 ighid li din xtraha ukoll minghand wiehed Duncan u xtraha bil-prezz ta' hames mitt lira Maltin (LM 500). Mistoqsi jekk hux minnu li kien iddikjara dawn iz-zewg vetturi mat-Transport Malta xi ghaxar snin qabel jghid li mhux dawk il-vetturi. Muri d-document SP1 (li hija l-ittra li kien baghat Brian Farrugia lil Transport Malta) jghid illi vera kien ghamel l-affidavit fejn talab li tigi skrappjata l-vettura ghax ma kellu il-log book taghha f'idu. Mistoqsi fejn kienu dawn iz-zewg karozzi jghid li kienu mizmuma fil-garage tieghu hal Luqa. Anzi ighid li ghall-ewwel kienu f'ghalqa izda l -Awtorita' tal-Ippjanar qabdet mieghu u kien ghalhekk li hadhom fil-garage. Mistoqsi jekk juzax il-garage regolarment ighid li iva. Mistqosi jekk qattx kellu kawzi mal-Pulizija ighid li le. Ikkonluda u qal li ammetta li kin ha zball u l-Awtorita' ma ireditx tirrangalu l-izball li kien ha.

Ikkunsidrat.

Illi mill-fatti jirrizutla is-segwenti u mhux kontestat:-

1. L-appellant hu propretarju ta' diversi vetturi li kien izomm f 'ghalqa u garage.

[1] Dok SP4 a fol. 15.

2. Illi l-appellant inghata Ordni ta' Infurzar mill-Awtorita' tal-Ippjanar fejn kellu jizgombra l-ghalqa li kellu mill-vetturi li kellu mizmuma go fiha.
3. L-appellant ghalhekk mar l-Awtorita' tat-Trasport sabiex jara kif kien ser jehles minn numru ta' vetturi li kellu f'din l-ghalqa u qalulu l-procedura li kellu isegwi billi jipprezenta affidavit bid-dettalji tal-vetturi li xtaq jiskrappja u hekk ghamel.
4. L-appellant ipprezenta affidavit u hadha ghand l-Awtorita' fit-28 ta' Dicembru 2015[2].
5. Gara pero' li wara ftit jiem irrealiza li kien iddikjara zewg karozzi fuq l-affidavit tieghu bi zball u li xtaq jghamel korrezzjoni fuq l- affidavit.
6. Illi l-appellant ghalhekk rega' mar l-Awtorita' tat Trasport sabiex jistaqsihom x'kellu ighamel biex jikkoregi l-affidavit tieghu u dawn qalulu biex jipprezenta affidavit iehor fejn kellu jindika l-izball li kien ha.
7. L-appellant ghalhekk nhar il-15 ta' Jannar 2016[3] ipprezenta affidavit iehor li in realta vera mar kontra dak li kien gie dikajarat minnu fl-ewwel gurament u dan ghaliex kien qed inehhi zewg vetturi mill-lista li kien indika fl-ewwel affidavit tieghu.
8. Meta l-awtorita' kellha f'diejha dawn iz-zewg affidavits hasset li kellha tinforma l -kumissarju tal-pulizija[4] stante li kienu kontradittorji ghal xulxin.
9. In segwitu l-appellant gie rinfaccjat bl-akkuzi odjerni.

Ikkunsidrat.

Illi dan l-appell jirrigwarda r-reat ta' uzu ta' document falz u talli ha gurament falz quddiem ufficcjal li kellu s-setgha li jghati l-gurament u dan ghaliex l-ewwel Qorti

[2] Dok A fol. 38.

[3] Dok C fol. 36

[4] Fol.34

ma sabitux hati tat-tieni akkuza talli ghamel dikjarazzjoni falza xjentement u illiberatu minnha.

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

a. Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi[5];

b. Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace[6];

c. Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul;[7]

d. Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech[8];

e. Il-Pulizija v. Carmelo Schembri[9]; u

f. Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed[10]; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

---

[5] Deciza fl-14 ta' Frar, 1989.

[6] Deciza fil-31 ta' Mejju, 1991.

[7] Deciza fit-12 ta' Mejju, 1994

[8] Deciza fis-6 ta' Gunju, 1994

[9]Deciza fit-28 ta' April,1995

[10] Deciza fit-3 ta' Novembru,1995

Huwa principju stabbilit fil-ligi penali li jispetta lill- Prosekuzzjoni tipprova l-kaz sal-grad ta' konvinciment morali u l-akkuzat m'ghandu jippruva xejn in sostenn tal-innocenza tieghu.

Illi fl-ewwel lok l-appellant gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-**artikolu 186 tal-kap 9** tal-ligijiet ta' Malta u cioe' li '*xjentement ghamel uzu minn dokument dikjarazzjoni jew certifikat falz meta ma kienx ufficcjal jew impjegat pubbliku b'abbuz ta' awtorita'* .' F'dan ir-rigward id-difiza qed issostni li addirittura mhux talli l-appellant ma riedx jghamel uzu minn dokument falz, izda li mar ighamel affidavit iehor ftit jiem wara sabiex jirranga l-izball li kien ghamel u dan ghamlu minn rajh u mhux ghaliex xi hadd attiralu xi attenzjoni partikolari. Il-prosekuzzjoni issostni li l-appellant kien jaf x'qed jghamel u dan ghamlu sabiex jevadi li jhallas it-taxxa tar-registration taz-zewg vetturi.

Illi jinghad li l-appellant ha gurament nhar it-28 ta' Dicembru 2018 fejn iddikjara illi huwa kien iddispona mill-vetturi A 1371 u JAR 577 fost vetturi ohra billi kien iddispona minnhom ghall-hadid hafna zmien ilu u ma jafx fejn jinstabu. Illi jirrizulta illi l-appellant minn rajh induna ftit wara li in effetti mhux minnu li kien iddispona minnhom u li kienu ghadhom ghandu u kien ghalhekk li mar jivverifika mal-Awtorita' x'kienet il-procedura li kellu jadotta biex jirranga l-gurament li kien ha. Kien biss ghaliex gie mgharraf li kellu jghamel affidavit biex jikkoregi l-ewwel affidavit li huwa pprezenta it- tieni affidavit tieghu. Ghalhekk jirrizulta li l-appellant minn rajh u minn jeddu qabad u kkorega affidavit li kien ghamel prcedentement. Sa dak il-hin ma jirrizultax li l-appellant kien ha xi beneficcju bl-uzu tal affidavit.

Jirrizulta li ghalhekk minkejja li l-ewwel affidavit sar xjentement mill-appellant ma jirriulztax li b'mod xjentment ried jahlef il-falz. Anzi semmai jirrizulta l-oppost li appena sar jaf li halef il-falz mar jikkoregi l-affidavit tieghu. Ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li xjentment l-appellant ried jghamel uzu minn dikajrazzjoni falza ghaliex kieku ma kienx jikkoregi l-istess affidavit tieghu.

Li trid tara l-Qorti issa hu jekk dan il-fatt jinkwadrax ruhu taht din id-duttrina ta' "retraction". Jinghad mal-ewwel li ma hemm ebda dubju li din id-duttrina,

ghalkemm ma tirrizultax daqstant cara mill-Kodici Kriminali, fil-prattika giet accettatha mill-Qrati taghna f'kazijiet ta' spergur jigifieri f'dawk il-kazijiet fejn persuna tixhed falz fi proceduri kriminali (kif kontemplat fl-Artikoli 104 (1) u 105 tal-Kap. 9).

L-Artikolu 522 (1) tal-Kodici Kriminali jaghti s-setgha lill-Qorti sabiex fid-diskrezzjoni taghha tmexxi lejn is-sewwa kull xhud li jhawwad fix-xhieda tieghu, dan billi twissih, twarrbu, eccetera. L-Artikolu 104 (3) tal-Kap. 9, moqri flimkien mal-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-istess Artikolu 104, juri bic-car l-intenzjoni tal-legislatur li meta xhud jerga' lura mix-xhieda falza li jkun ta, b'mod li tali ritrattazzjoni tibbenfika xi persuna akkuzata u misjuba hatja in bazi tax-xhieda falza tieghu, u qabel ma tigi esegwita dik is-sentenza, allura tali ritrattazzjoni tibbenefika wkoll lil dak ix-xhud li jregga' lura x-xhieda falza tieghu, dan ghal dak li jirrigwarda l-piena anqas li hu soggett ghaliha f'tali kaz a differenza tal-piena akbar soggett ghaliha meta jinstab hati ta' dak l-ispergur minghajr ma jkun reggha lura x-xhieda falza tieghu. Illi huwa minnu li hawnhekk m'ghandiex il-kaz li xhud qed jixhed il-falz izda ghandha kaz fejn persuna hadet gurament li wara irrizutala li ma kienx korrett u ghalhekk minkejja li ma kienx xhud f'dak l-istadju ghandu l-istess effett. Ghaliex hawn ghandna mhux xhieda falza izda dikajrazzjoni falza.

Moqrija flimkien dawn iz-zewg Artikoli separati fil-Kodici Kriminali kjarament juru li l-legislatur ried jaghti l-opportunita' jew incentiv lix-xhud li xehed falz sabiex iregga' lura dik ix-xhieda tieghu. Ried jaghti l-opportunita' lil dak ix-xhud li jregga' lura x-xhieda falza tieghu w b'hekk jevita li tigi kagunata xi hsara rreparabbli lil xi persuna jew anke lis-socjeta' in generali.

Ta' min izid ma' dawn iz-zewg Artikoli tal-Kodici Kriminali, dak li jiddisponi il-Kap.12 fl-Artikolu 602 (1), maghmul applikabbli ghall-procedimenti kriminali bl-Artikolu 645 tal-Kap. 9, fejn xhud, f'kull zmien qabel l-eghluq tas-smigh tal-kawza, jkun jixtieq jaghmel xi zieda jew korrezzjoni ghal dak li jkun xehed qabel, u l-Qorti tippermetti tali zieda jew korrezzjoni. Dawn huma tlett Artikoli tal-Ligi li kjarament juru li din id-duttrina ta' retrazzjoni kienet f'mohh il-legislatur.

Din tar-retrazzjoni, fil-fatt, hija incentiva li l-ligi taghti lix-xhud sabiex jasal biex jikkoreggi lilu nnifsu biex dak li jkun xehed falz precedentement ma jwassalx ghad-dannu ta'haddiehor u sabiex ukoll l-istess xhud ikollu mohhu mistrieh li l-ligi qed tipproteggih billi jibbenefika minn din ir-retrazzjoni tieghu li twassal ghan-newtralizzazzjoni tar-reat ta' spergur.

Dan hu ezattament l-iskop wara din id-duttrina, cioe' li tigi zvelata l-verita' li hu wkoll l-iskop ta' kull process kriminali izda ghandu jkun ukoll wara kull process amminsitrattiv, li bniedem li x-xhieda falza tieghu tista' twassal ghal xi decizjoni hazina, jkun f'posizzjoni li jirrimedja ghal-tali sitwazzjoni qabel ma jkun tard wisq. L-effett ta' din l-incentiva hu li tigi eliminata l-possibilita' li l-gustizzja tigi zgwidata w li jsir xi dannu rreversibbli lil xi hadd.

Illi huwa minnu li l-ligi *per se* ma tipprovdix ghal-awtorita' ghall-eventwalita' bhal din li hemm pendenti quddiem din il-Qorti (u cioe x'jista jaghmel jekk jghamel dikjarzzjoni falza) pero' b'analogija jekk il-ligi thalli xhud li xehed f'proceduri quddiem il-Qorti tirtira dak li qal bil-hsieb li jghid il-verita' u b'hekk jikkaunga inqas hsara *multo magis* din il-Qorti ghandha thalli bniedem li ghamel affidavit li wara kollox sar bi zball, jikkjarifika dan l-affidavit tieghu.

**<u>Forsi ghalhekk wasal iz- zmien li hawnhekk ukoll din il-Qorti taghti rakkomandazzjoni taghha lill-legislatur sabiex jillegisla f'dan ir-rigward fejn jipprovdi b'mod specifiku li bniedem ikun jista' jikkjarifika dikjarzzjoni li jkun ghamel taht gurament una volta jemmen li tali dikajrazzjoni maghmula minnu jkun fiha xi inezattezzi jew fatti skorretti u dan fi zmien qabel ma in fatt ikun hemm gudizzju fuq dik l-istess dikjarazzjoni guramentata.</u>**

Ghalhekk in vista tas-suespost din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet skoretta meta sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza u ddikjarat li huwa hati talli ghamel uzu minn dokument falz meta in realta irrizulta lilha mill-bidu nett tal-proceduri li l-istess appellant kien ikkorega dak l-affidavit fi ftit jiem u ssostitwih b'dikjarzzjoni aktar korretta.

Illi l-appellant gie ukoll akkzuat fit-tielet akkuza li *"halef il-falz quddiem uficcjal li ghandu is-setgha b'ligi li jaghti l-gurament , meta -gurament kien mehtieg mill-ligi jew ordnat b'sentenza jew b'sigriet ta' wahda mill-Qrati ta' Malta '* ai termini tal-artikolu 108(1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jinghad ghalhekk li sabiex din l-akkuza tirrizulta irid jigi provat li:-

1. L-appellant halef fil-falz.
2. Quddiem ufficcjal li kellu s-setgha li jghti l- gurament.
3. Meta dan il-gurament hu mehtieg mill-ligi.

Illi dawn it-tlett elementi huma kumulattivi u ghandhom jigu ilkoll provati abeix tissusisti ir- reat kontemplat. Illi ma hemmx dubbju li l-appellant ha l-gurament tieghu quddiem Dr. Victor Bugeja li huwa ukoll prokuratur legali u ghalhekk ghandu l- fakolta li jaghti l gurament. Ili dan il-gurmaent kien mehtieg bill-ligi skond l-artikolu 7 (2) t' SL 65.24 mgharufa bhala Regolamenti Dwar Ir Regolarizazzjoni ta' Arretrati Dwar Id-Drittijiet Ta' Licenzji Ta' Vetturi Bil-Mutur.

Jibqa' ghalhekk li l-prosekuzzjoni tipprova l-ewwel element li l-appellant halef fil-falz. Jidher li l-element materjali ta' dan ir-reat u cioe' li halef il-falz jirriulta b'mod inkewivoku. Pero' dwar l-element materjali l-Qorti ma thossx li l-prosekuzzjoni pprovat l-intensjoni kriminuza tal-appellant. Illi jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-appellant kien mar jikkoregi l-affidavit tieghu b'mod volontarju mhux ghax gie mitlub. Illi dan sar fuq talba ta' l-istess Awtorita' tat- Trasport u din ix-xhieda moghtija mill-appellant f'dan ir-rigward ma gietx kontesta. Ghalhekk din il-Qorti ma hix konvinta li l-appellant ried intenzjonalment u xjentement jiehu gurament falz meta iddikjara dak li ddikjara fl-ewwel affidavit izda temmen li kien kaz genwin. Dan qed jinghad molto piú meta tqis li kienet l-ewwel Qorti stess li ma sabitux hati talli '*xjentement*' ghamel dikajrazzjoni falza sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih. Il-Qorti tara strambaha kif l-ewwel Qorti ma sabitux hati tat-tieni akkuza izda sabitu hati tal-ewwel akkuza meta qed nitkelmu fuq l-istess dokument li skond l-ewwel Qorti l-appellant ma kellux ix- xjenza li ighamel dikjarazzjoni falza.

Ghalhekk din il-Qorti qiegdha tilqa' l-appell tal-appellant b'dan illi qed tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel u it-tielet akkuza u tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni akkuza u tiliberah minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur